# IL-MADONNA TAN-NOFS U XBIHAT OĦRA TAL-MADONNA

In-niċeċ u l-istatwi għandhom post importanti fl-istorja reliġjuża u soċjali ta' Malta u Għawdex. Niltaqgħu magħhom, spiss għal għarrieda u bla ma nistennew f'kull belt, raħal u triq. Sfortunatament, l-aljenazzjoni naqqset l-importanza li għandha tingħata lin-niċeċ. F'dan it-tieni artiklu ser nagħtu ħarsa lejn ħames statwi tal-Madonna li nsibu fl-Isla. Kif ser naraw, uħud minn dawn l-istatwi twaqqfu minħabba xi ġrajja jew avveniment, bħal ma hija l-pesta, u li l-ħelsien minnha ġie attribwit lill-Madonna.



***L-istatwa tal-Madonna f'nofs Triq il-Vitorja, imdawra bil-bini mġarraf hekk kif intemmet il-gwerra.***

Fl-1813, kienet għaddejja minn fuq il-gżejjer tagħna l-mewġa qerrieda tal-pesta. Din laqtet ix-xtut tagħna f'April ta' dik is-sena meta l-vapur Malti *San Nikola* ġabha miegħu minn Lixandra. Bliet u rħula diversi ntlaqtu minn dan il-gwaj, iżda mhux hekk il-Belt ta' l-Isla. Veru li s-Sengleani għamlu kull ma kien umanament possibbli biex iżommu 'l bogħod minnhom din il-marda. Imma l-isforzi tagħhom ma waqfux hemm għaliex huma ma naqsux li jintelqu għal kollox fil-ħarsien tas-sema. U t-talb tas-Sengleani verament instema' għaliex l-Isla tabilħaqq inħelset għal kollox u ħadd minn din il-Belt ma nqered b'din il-marda qerrieda. Bħala monument u b'radd il-ħajr lill-Verġni Marija, li daħlet għalihom quddiem Alla biex jibqgħu meħlusin, il-poplu Senglean, immexxi mill-Kapitlu xtaq li titwaqqaf statwa tal-Madonna f'nofs il-belt. Din l-istatwa ġiet ordnata għand l-iskultur Vincenzo Dimech, li ħadimha minn irħam fin ta' Karrara, u ħallas għaliha s-Senglean, Salvatore Debarro.

Meta tlestiet, din tqiegħdet f'nofs il-belt, fit-triq ewlenija bejn iż-żewġ għoljiet, sewwa sew f'salib it-toroq bejn Triq il-Vitorja u Triq San Ġiljan. Issemmiet b'mod l-iżjed xieraq *Causa Nostrae Laetitiae*: Bidu tal-Ferħ Tagħna. Iżda, minħabba l-pożizzjoni tagħha f'nofs l-Isla, issejħet *Il-Madonna tan-Nofs*. L-Arċipriet ta' dak iż-żmien, il-Kan. Vinċenz Cachia ġie delegat mill-Arċisqof Ferdinandu Mattei biex

iberikha. Fid-19 ta' Mejju 1816, li kienet il-ġurnata tat-tberik, il-poplu ferħan mela bi ħġaru l-post fejn kien hemm l-istatwa. Tkanta t-*Te Deum* bħala radd il-ħajr lil Alla, u ġie reċitat ir-rużarju. L-Arċisqof Mattei ta l-indulġenza ta' 40 jum lil min igħid Ave Marija quddiem dik l-istatwa. L-Arċipriet Cachia kiteb skrizzjoni bil-Latin biex tiġi minquxa mal-kolonna li fuqha kien hemm l-istatwa.

Fl-aħħar gwerra dinjija, din l-istatwa baqgħet wieqfa għalkemm madwarha kien kollu mġarraf. Meta Triq il-Vitorja bdiet terġa' tiġi mibnija, fl-1956, din l-istatwa tal-Madonna tneħħiet min-nofs u tpoġġiet fuq kolonna ġdida fin-nofs ta' Pjazza 4 ta' Settembru. Ftit tas-snin wara, din l-istatwa bil-kolonna b'kollox, tpoġġiet fil-post fejn tinsab illum. L-istess skrizzjoni li kien hemm mal-kolonna l-antika inqalbet għall-Malti, u narawha b'dawn il-kelmiet: "Lill-Verġni Omm Alla fi twelidha – magħżula minn missirijietna – b'qima liema bħalha – taħt it-titlu tal-vittorja – Patruna ta' din il-Belt – iċ-ċittadini ta' l-Isla – b'xhieda dejjiema ta' radd il-ħajr – għall-ħelsien sħiħ – mill-flaġell tal-pesta – li fileġ lill-gżira ta' Malta – fis-sena 1813 – bil-ħarsien tal-Verġni Mqaddsa – joffru, jiddedikaw, u jbierku – għall-ġieħ ta' Omm Alla li ħarsithom – din ix-xbiha artistika – imħallsa miċ-ċittadin Senglean – Salvatore Debarro – b'konnessjoni tal-Gvern mogħtija – b'dekriet maħruġ fis-17 ta' Lulju 1814." Din l-iskrizzjoni bil-Malti ġiet inawgurata fit-8 ta' Settembru 1983.


***L-istatwa tal-Madonna tal-Porto Salvo, faċċata tal-Port il-Kbir.***

Għalkemm l-Isla tilfet ħafna matul it-tieni gwerra dinjija, b'xorti tajba, f'din il-belt għadna sal-lum nistgħu niltaqgħu ma' bini storiku u artistiku. Fost dan il-bini nsibu l-knisja ta' Sidtna Marija tal-Porto Salvo magħrufa l-aktar bħala *"Ta' San Filippu"*. Magħqud ma' din il-knisja nsibu kunvent li fih fl-imgħoddi kienu jgħammru numru ta' qassisin mill-Isla li kienu għażlu li jwettqu l-ħidma pastorali tagħhom fuq ir-regola ta' San Filippu Neri. Din l-istituzzjoni twaqqfet fl-1662 minn Dun Xmun Schembri. L-Oratorjani, kif allura saru magħrufa, malajr intefgħu għall-bini ta' Oratorju li jmiss mal-Knisja tal-Porto Salvo u aktar tard nibtet l-idea li l-istess knisja, li kienet knisja ċkejkna, tingħata struttura kompletament ġdida. Lejn is-sena 1670, bdiet tinbena l-knisja l-ġdida taħt it-tmexxija ta' l-arkitett Senglean Mastru Karlu Vella. Kollox jindika li l-istatwa tal-Madonna maħduma fil-ġebel u mqiegħda fil-għoli mal-faċċata ta' din il-knisja, tpoġġiet hemm lejn l-aħħar snin tas-seklu sbatax, meta kien wasal biex jitlesta l-bini tal-knisja. Din l-istatwa tal-Madonna bil-Bambin f'idejha hija statwa irfinuta ħafna u li l-qies tagħha huwa d-doppju ta' l-uman. Minħabba l-fatt li tinsab preċiż faċċata tal-Port il-Kbir u biex tidher mill-bogħod, sa mill-bidu nett ġiet miżbuha bajda u mqiegħda fuq sfond ikħal.

Skond skrizzjoni li qiegħda ma' l-ewwel arkata tal-korsija tal-knisja ta' llum qrib

l-altar maġġur, it-titular tal-knisja, Santa Marija tal-Portu Salvu, ifakkar li l-Madonna tħares 'il dawk kollha li jaħdmu fuq il-baħar, imbiegħda minn arthom. Ix-xwieni, huma u ħerġin mill-Port il-Kbir, kienu jisparaw xi murtal, b'tislima lill-Madonna, li kienu jarawha tħares lejhom fl-istatwa tagħha fil-faċċata tal-knisja. Wara li x-xini jagħti t-tislima, kienu jinstemgħu tokki ta' qanpiena minn fuq il-kampnar tal-knisja, bħala tweġiba li tfisser għalihom li l-Madonna mhix sejra tonqos milli tħarishom. Meta aktar tard inbniet dar quddiem din il-knisja, din qatt ma tħalliet li tkun b'aktar minn sular wieħed, biex ma titgħattiex dik id-dehra tal-knisja mill-port.

Fl-Isla ta' wara l-gwerra ma kontx tara ħlief bini mġarraf kull fejn tħares. Il-knisja Bażilka ta' Marija Bambina ukoll sfat vittma ta' l-attakki ta' l-għadu. Għaldaqstant, is-snin ta' wara l-gwerra kienu snin li fihom sar ħafna xogħol ta' rikostruzzjoni ta' bini u l-ikbar biċċa uġigħ ta' ras għall-Kapitlu Senglean kienet il-bini mill-ġdid tal-Bażilka. Il-faċċata tal-Bażilka, għalkemm ma ġġarfitx, tħeżżet ħafna. Għalhekk, ġiet maħtuta u nbniet mill-ġdida, differenti milli kienet, b'disinn ta' Victor Anastasi.



*L-istatwa ta' Marija Reġina qed titqiegħed f'postha fuq il-fontispizju tal-Bażilka.*

Fl-1954, il-faċċata kienet kważi lesta u kien tassew jixraq li, fil-Bażilka ddedikata lil Marija Bambina, il-Madonna nnfisha tkun l-aħħar ġebla tar-rikostruzzjoni ta' dan it-tempju monumentali tagħna. Il-Papa Piju XII, fis-Sena Marjana tal-1954, kien istitwixxa l-festa liturġika ta' Marija Reġina. Għalhekk malajr nibtet l-idea li fuq il-frontispizju li kien għadu kemm tlesta ssir statwa sabiħa ta' Marija Reġina. Instabu żewġ benefatturi: Dun Pawl Cauchi u oħtu Elena. Id-disinn għamlu Emvin Cremona waqt li Vincenzo Bonello ħa ħsieb li jġib din l-istatwa ta' l-irħam minn barra. Din l-istatwa ta' 13-il pied waslet Malta f'nofs Diċembru 1955 u tbierket fuq iz-zuntier tal-Knisja mill-Arċipriet Ġwann Karlu Burlò fid-29 ta' Jannar 1956. Wara li sar diskors mill-Kan. Franġisk Abela, l-imgħallem Ġużeppi Sammut, li bena l-knisja, talla dik l-istatwa f'postha. Il-Parroċċa ta' l-Isla tgħożż din l-istatwa b'qima kbira.

It-tieni nofs tas-seklu dsatax kien iddominat minn devozzjoni qawwija lejn il-Madonna wara d-dehriet f'Lourdes fi Franza fl-1858. Niċċa li tmur lura lejn l-aħħar snin ta' dak is-seklu hija dik iddedikata lill-Madonna ta' Lourdes u li tinsab fl-inħawi tal-knisja ta' San Filippu, bejn Triq il-Grigal u Triq iż-Żewġ Mini. Bħala niċċa tikkonsisti biss f'qasma f'kantuniera iżda x-xifer hu mżejjen b'burdura magħmula mill-weraq u fil-ponta poġġew ras ta' anġlu tabilħaqq sabiħa u dettaljata, kif inhi l-istatwa tal-Madonna. Fil-fatt l-istatwa fiha bosta dettalji artistiċi bħalma hu l-mant tal-Madonna nieżel minn fuq rasha u jgħattilha spallejha. Il-panneġġi li fiha huma l-isbaħ xhieda li din l-istatwa nħadmet minn id tajba. Skrizzjoni minquxa fuq l-irħam in-naħa t'isfel ta' l-istatwa fiha dawn il-kelmiet: *Recitando una Salve Regina si*

*lucano 40 giorni di indulgenza concesse da S.E. Mons. D. Carmelo Scicluna con decreto 19 Giugno 1879.*

F'din il-kitba diġà semmejt il-gwerra u t-tifrik li ħalliet warajha. Ma jistax jonqos li f'din il-ħerba ntilfu numru ta' niċeċ, l-aktar dawk magħmula mill-injam. Iżda mbagħad ma naqasx li wara li ntemmet il-gwerra, f'din il-belt, twaqqfu niċeċ ġodda. Barra dawk li tkellimna dwarhom insibu niċċa f'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu. Din tinsab ħdejn dar Nru. 22, Triq l-Oratorju u hi magħmula minn par pilastri Doriċi bil-frontispizju fuqhom. L-istatwa tal-Madonna fiha xogħol tal-ġebla irfinut ħafna u dan wieħed jista' japprezzah l-aktar fid-dettalji ta' l-uċuħ tal-Madonna u l-Bambin. Skond tagħrif li wasalli, din l-istatwa kienet tagħmel parti minn niċċa oħra ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu li sa qabel il-gwerra kienet tinsab fi Triq il-Maċina kantuniera ma' Triq iż-Żewġ Mini.



***Statwa tal-Madonna ta' Lourdes fi Triq il-Grigal.***

Bħal f'bosta bliet u rħula oħra, l-istatwi u n-niċeċ fl-Isla huma espressjoni ta' qima u devozzjoni. Ħarsa mill-qrib lejn dawn l-istatwi turina li lkoll fihom xogħol ta' arti li fih innifsu hu xhieda tal-kapaċità ta' bosta artisti. Dan hu wirt missirijietna u patrimonju li bih għandna biex niftaħru. L-awturi ta' dawn ix-xbihat, bis-sengħa tagħhom u ta' xogħol fil-ġebla jew fl-irħam, irnexxielhom jifirxu mat-toroq tagħna kuntatt kontinwu mad-divin. Kif jista' għalhekk il-Malti jwarrab jew jinsa r-reliġjon tiegħu, meta jinsab il-ħin kollu mdawwar minn dawn ix-xbihat?



***Statwa tal-Madonna tal-Karmnu fi Triq l-Oratorju.***

**Fabian Mangion**


*Referenzi:*

Bonnici Alexander, *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilika Santwarju ta' Marija Bambina,* Vol. III - L-Aħħar Mitejn Sena, Parroċċa ta' l-Isla, 1991.

Terribile Tony, *Niċeċ u Statwi fit-Toroq Maltin,* PIN, Pietà, 2000, p.p. 19 - 24

Xuereb Victor, *Il-Knisja ta' San Filippu fl-Isla,* storja fil-qosor mhix ippubblikata.